MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Numru 689/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**

**vs**

**Deemer Bezzina**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Deemer Bezzina ta’ 19-il sena, iben Mario u Rose nee` Agius imwieled Pieta` fit-18 ta’ Mejju, 1983 u residenti 64, St Christopher Valletta u detentur tal-Karta ta’ l-Identita bin-numru 271483 M.

Akkuzat:

1. talli ghamilt falsifikazzjoni f’att awtentiku jew pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat,

falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi hloqt pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhalt dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella illi zidt jew biddilt klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe` ghamilt falsifikazzjoni tal-firma ta' E Abela u C Bonnici u ta' persuni ohra fuq cekk tal-Bank of Valletta u aktar talli xjentement ghamilt uzu mill-istess skritturi jew kitba falza u dan bi ksur tal-Artikoli 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. iffalsifikajt cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra u cioe cekk tal-Bank of Valletta fuq l-akkont ta' Vestimoda u persuni ohra, illi meta jigi pprezentat wiehed jista' jircievi bih hlas jew jiehu kunsinja tal-oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn Banek jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-gvern u akatr talli ghamilt uzu mill-istess karta msemmija u dan bi ksur tal-Artikolu 167 u169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamilt uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz., jew billi nqdejt b'qerq iehor ngann, jew billi urejt haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen esitenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika ghamilt qliegh ta' Lm250.50 bi hsara ghal Vestimoda, Bank of Valletta u persuni ohra u dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. u aktar talli ksirt il-provedimenti tal-Artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta tat-8 ta' Novembru, 1999.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi liema ammissjoni ghamilha volontarjament u nkondizzjonatament u ppersista fiha anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

L-akkuzi kontra l-imputat huma ta' falsifikazzjoni u truffa.

Illi fuq l-ammissjoni tal-imputat l-Qorti qeghdha ssibu hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Ghal fini ta' piena rat l-Artikolu 183, 184, 167, 169, 308, 309, 17, u 31 tal-Kapitolu 9 u tikkundannah sena u nofs prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9 tordna li jigu sospizi ghall-perjodu ta' sena mil-lum sakemm l-imputat ma jikkomettix reat iehor punibbli bi prigunerija.

Tastjeni milli tipprovdi dwar il-ksur tal-Artikolu 9 tal-Kap152 (illum Kap 446) stante li l-ebda sentenza ma giet esebita.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------